KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 77**

**L-Erbgħa 14 ta' Frar 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-18:00.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier (online) |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr | Alexander Borg Galea | Konsulent Ambjentali |
| Is-Sa | Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

## 77.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**77.01.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**77.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**77.01.03** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**77.01.04** Rigward il-Kunsillier Carlo Stivala, is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat bagħat tfakkira dwar il-pożizzjoni tal-istess kunsillier fit-12 ta' Frar 2024 lil dawk kollha konċernati, però t-tweġiba hi li għadhom qed jaraw il-każ.

## 77.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 76)

**77.02.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta l-minuti tal-laqgħa 76 lill-kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti tal-laqgħa msemmija.

**77.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg, u sekondat mill-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-minuti tal-laqgħa 76 ġew approvati unanimament.

## 77.03 Arising mill-minuti

**77.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma punt 76.15.03, rigward l-iskema tar-restawr, fejn fis-seduta preċedenti kien ġie deċiż mill-Kunsilliera li tiġi sottomessa l-applikazzjoni biex jiġu restawrati l-kappella ta' San Ġorġ kif ukoll ir-ridott ta' Wied il-Buni. Is-Sindku Scott Camilleri qal li fuq dawn iż-żewġ postijiet ma kienx hemm biżżejjed tagħrif imħejji, però ġiet opportunità min-naħa tal-Parroċċa ta' Birżebbuġa fejn il-Kunsill intalab jissottometti applikazzjoni għar-restawr ta' statwa tal-ġebel ta' San Ġwann il-Battista, u n-niċċa tagħha, li hija parti minn faċċata ta' binja li tinsab fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni ġewwa Bengħajsa. Semma wkoll li din il-binja, inkluż l-istatwa, għandha mill-inqas 300 sena. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jekk ikun hemm qbil min-naħa tal-kunsilliera preżenti, din l-applikazzjoni tkun tista' tiġi sottomessa. Il-Kunsillier Alex Caruana talab spjegazzjoni għaliex mhux se ssir il-kappella ta' San Ġorġ. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li kien hemm nuqqas ta' dokumentazzjoni. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk jistax jiġi preparat rapport fuq l-istess kappella sabiex meta terġa' tinħareġ din l-iskema nkunu nistgħu napplikaw għaliha. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma' dan u propona li trid titqabbad persuna professjonali sabiex tħejji dan ir-rapport. Il-Kunsillier Simon Buttigieg qal li qed idejqu l-fatt li ħa jidħlu fi spejjeż meta din hija residenza privata. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qablet miegħu u qalet li waqt li s-sid qed jirrestawra l-faċċata, dan għandu jibqa' għaddej bin-niċċa wkoll, iżda s-Sindku Scott Camilleri wieġeb billi qal li s-sid m'għandux l-obbligu li jirrestawra n-niċċa wkoll. Huwa għalhekk issuġġerixxa li jsir kuntatt mal-entità li tieħu ħsieb ix-xogħlijiet ta' restawr biex b'hekk jiġu diskussi dawn il-mistoqsijiet mal-istess entità. Fuq dan kien hemm qbil minn dawk kollha preżenti.

**77.03.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qajjem punt 76.07.02, rigward l-ittra li kellha tintbagħat lill-familjari tal-mibki Joseph Zammit. Is-Sindku Scott Camilleri talab l-opinjoni tal-kunsilliera fuq jekk għandhiex tintbagħat korrispondenza lill-familja kollha, inkluż il-ġenituri. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li s-Sindku Scott Camilleri jagħmel kuntatt *prima voce* mal-familja, qabel tintbagħat l-ittra.

## 77.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**77.04.01** *2 monitors għall-moniteraġġ tas-CCTV*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn jinxtraw 2 monitors ħalli jiġu mmoniterjati l-kameras ta' barra kif ukoll dawk ta' ġewwa l-binja. Wieħed mill-monitors se jitwaħħal fl-uffiċċju tal-ewwel sular, minflok dak li m'għadux jiffunzjona, u l-ieħor ġdid fit-tieni sular. Inġabru tliet kwotazzjonijiet, bl-irħas waħda tkun kwotazzjoni A, li tiswa €219 għal kull monitor. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**77.04.02** *Xkaffar għal-librerija*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-librar avviċina l-Kunsill biex jinbidel xi xkaffar, billi kien daħal xi ilma ġo fih u qed jiddeterjora. Inġabru tliet kwotazzjonijiet, bl-irħas waħda tkun kwotazzjoni A, li tammonta għal €4,510 għal 13-il unit. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**77.04.03** *Tablet għall-uffiċċju*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat spjega li hemm bżonn ta' tablet għall-uffiċċju. Inġabru tliet kwotazzjonijiet, bl-irħas waħda tkun kwotazzjoni A, li tiswa €1,849. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**77.04.04** *Soft flooring għall-bandli ta' San Ġorġ*: Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li billi jrid jinbidel is-soft flooring tal-bandli ta' San Ġorġ se jkellem lill-kuntrattur tal-bandli biex jibagħtilna l-istampi u wara, l-istess kuntrattur, għandu jiftiehem mal-perit tal-Kunsill ħalli jiġi deċiż l-aħjar materjal. Wara se tintalab kwotazzjoni sabiex tiġi preżentata waqt seduta.

## 77.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**77.05.01** Is-Sindku Scott Camilleri ddikjara l-kunflitt t'interess fuq pagament numru 49, billi dan kien dovut lejn ħanut tal-familja.

**77.05.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet għal kemm-il uffiċjal tal-pulizija nħareġ il-pagament relatat mal-attività tal-karnival li saret nhar l-10 ta' Frar 2024. Is-Sindku Scott Camilleri kkonferma li l-ammont ta' uffiċjali preżenti għal din l-attività kien dak ta' 4 u għalhekk il-pagament sar fuq dak it-total.

**77.05.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet jekk pagament numru 6 kienx jirrelata mat-tiżjin tal-Milied fit-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ikkonferma li dak il-pagament kopra t-tiswijiet tal-ventijiet għal dak iż-żmien festiv.

*Petty cash:*

**77.05.04** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg, u sekondat mill-Kunsilliera Maria Mifsud, il-kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 77.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**77.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fi Frar saru żewġ laqgħat. Waħda minnhom kienet mal-Onor. Glenn Bedingfield, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li se jkollu l-electric street sweepers, kif ukoll autonomous sweeper għax-xatt.

**77.06.02** Rigward il-car park, is-Sindku Scott Camilleri qal li se ssir laqgħa fuq il-handing over tal-operat. Huwa semma wkoll li nhar it-22 ta' Frar se ssir l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-car park.

**77.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri spjega li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet min-naħa tal-Primary Health Care fil-klinika ta' Triq Birżebbuġa. Huwa spjega li jidher li l-permess se jkun qed jinħareġ lejn l-aħħar tax-xahar, sabiex l-istess klinika tibda topera.

**77.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li saret laqgħa wkoll mas-Segretarju Parlamentari s-Sur Omar Farrugia ġewwa l-ġnien f'Tal-Papa fejn ġew diskussi xi nuqqasijiet rigward id-dewmien fuq l-ordni tas-soft flooring. Is-Sindku Scott Camilleri ġie infurmat ftit tal-jiem ilu mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi li dan ġie ordnat u se jkun qed jeħel lejn l-aħħar tax-xahar flimkien mal-apparat rikreattiv.

**77.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem fuq is-servizz il-ġdid li se jiġi offrut lir-residenti anzjani ta' Birżebbuġa; servizz simili għal dak tas-Silver T. Semma li bħalissa għaddej proċess ta' procurement sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

## 77.07 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**77.07.01** Xejn.

## 77.08 Korrispondenza

**77.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li rċivejna korrispondenza indirizzata lill-Kunsillier Alex Caruana, rigward il-bankini u t-tarmac ta' Triq il-Kartaġiniżi. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dwar il-bankini huwa bagħat rikjesta lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Rigward it-tarmac semma li rridu nibagħtu rikjesta lil Infrastructure Malta. Semma wkoll li madwar sena ilu kienet intbagħtet lista ta' sitt toroq biex jiġu rranġati, iżda kulma saret hija triq waħda: Triq Birżebbuġa. Barra minn hekk fit-toroq rurali ma sar xejn lanqas. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li se tintbagħat email uffiċjali b'turija ta' dispjaċir li għadu ma sar xejn fuq ir-rikjesta mibgħuta sena ilu u sabiex Triq il-Kartaġiniżi tidħol fil-lista ta' toroq li jridu jsiru.

**77.08.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rigward il-proġett tax-xatt li jittratta d-dranaġġ, min-naħa tagħna tlabna lil Water Services Corporation sabiex jintbagħtilna rapport dettaljat ta' x'ħa jkun qed isir min-naħa tagħhom biex titjieb is-sistema tad-dranaġġ f'dik il-parti.

**77.08.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet talba biex il-parkeġġ tal-iskola jibqa' miftuħ is-sena kollha għar-residenti. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li bejn Jannar u Diċembru, fejn il-ftehim oriġinarjament kien li fix-xitwa jiftaħ fil-weekends biss u fis-sajf kuljum, is-somma kienet qed titla' għal €2,280. Sabiex dan il-parkeġġ jibda jinfetaħ kuljum matul is-sena kollha, l-ispiża se tiżdied b'iktar minn €1,000, jekk dan idum sal-23:00. Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li din m'hemmx għalfejn tingħalaq għax tista' tikkawża inkonvenjent għar-residenti jekk il-vettura tingħalaq. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li din mhijiex deċiżjoni li jista' jieħu l-Kunsill Lokali peress li l-iskola mhux fil-kompitu tal-Kunsill. Apparti minn hekk, l-iskola se tibqa' dejjem miftuħa mingħajr ma jkun hemm sorveljanza, u li kulħadd ikollu aċċess għall-iskola. Is-Sindku Scott Camilleri qal li se jkun qed jitkellem mas-surmast tal-iskola fuq din il-materja.

**77.08.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar artiklu li deher fuq gazzetta lokali sabiex jiġi diskuss waqt is-seduta tal-lum. Dan l-artiklu jittratta l-applikazzjoni marbuta mal-impjant ta' Aquaculture Resources Limited. Hawnhekk intervjena l-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea sabiex jispjega aħjar il-proposta minn din l-entità. Il-kunsilliera preżenti qablu li Dr Borg Galea jibgħat jitlob lill-awtoritajiet konċernati għal iktar informazzjoni fuq din l-approvazzjoni ta' allokazzjoni ta' art.

## 77.09 Rapport tax-xogħlijiet mill-Contracts Manager

**77.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ġiet mgħoddija kopja tax-xogħlijiet kollha li saru matul Jannar lill-kunsilliera kollha. Semma wkoll li għadhom għaddejjin l-issues tas-servizz tal-bulky refuse ta' qabel, fejn il-Kunsill għadu qed jistenna l-irċevuti mingħand il-kuntrattur. Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat li qed jitħalla l-ħmieġ wara li ftit mill-bejjiegħa tal-monti qed idumu ma jżarmaw u l-ħaddiema tal-cleansing ikunu laħqu għaddew għalhekk qed jibqa' l-ħmieġ flimkien ma' diversi boroż. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jibgħat lil ERA sabiex isiru spezzjonijiet spissi.

## 77.10 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**77.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li s-sejħa għall-ingaġġ ta' foreman fi skala 12 hija magħluqa. Huwa qal li kien hemm 4 applikanti li bagħtu l-applikazzjoni għal din is-sejħa. Hu semma li hemm nuqqas ta' gwida dwar il-kriterji għal din is-sejħa, u mhux daqstant ċara dwar kif tista' tingħażel persuna addattata għal dan ix-xogħol. Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sindku Scott Camilleri, il-kunsilliera kollha preżenti qablu li din is-sejħa għandha taqa' u l-proċess ma jitkompliex. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jinforma lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, lil Jobsplus u lill-applikanti b'din id-deċiżjoni.

**77.10.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li, wara konsultazzjoni mas-Sindku Scott Camilleri, mis-seduta li jmiss se tkun qed tinħoloq formola mit-tim amministrattiv sabiex il-kunsilliera jkunu jistgħu jniżżlu l-mistoqsijiet tagħhom fuqha għal waqt is-seduta. Din il-formola għandha tintbagħat lura sa ħamest ijiem qabel is-seduta u tkun indirizzata lill-individwu li jkollu assenjat id-dekasteru marbut mal-mistoqsija.

## 77.11 Unaudited Financial Statements 2023

*Hawnhekk l-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**77.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta l-Unaudited Financial Statements 2023. L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff għamlet spjegazzjoni dwarhom. Dawn ġew approvati unanimament mill-membri kollha preżenti.

## 77.12 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**77.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jispjega dwar l-idea ta' grasscrete, li qed isir fi triq fil-lokalità. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dan qed jingħata għall-ewwel darba fi Triq il-Fekruna. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dan isir b'fondi Ewropej.

**77.12.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fuq l-ambitu tal-isqaqien saret laqgħa mal-SEM, fejn hemm fondi allokati biex jagħtu aċċess għall-bdiewa. Huwa staqsiehom jekk hux possibbli li bħala Kunsill napplikaw għal xi sqaqien biex isiru bil-grasscrete. Dawn ikkonfermaw li din hija possibbli u kellhom jgħaddulna l-informazzjoni min-naħa tagħhom fuq aspett ta' applikar.

**77.12.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat li fi Triq Għar Dalam għad hemm it-tabelli li juru li għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet, mentri dawn diġà tlestew, u b'hekk qed jinħoloq traffiku bla bżonn. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li se jintbagħat il-foreman biex dawn jinqalgħu.

**77.12.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li qed jinħargu ċitazzjonijiet fuq parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità meta m'hemm ħadd joqgħod fir-residenza ta' quddiem dan il-parkeġġ. Il-Kunsillier Alex Caruana kompla billi qal li ltaqa' mal-persuna li kienet toqgħod f'din ir-residenza u staqsieh jekk għadux jabita hemm, iżda din il-persuna wieġbet fin-negattiv. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-parkeġġ mhux se jibqa' riservat.

**77.12.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat li l-għada tas-seduta, flimkien mas-Sindku Scott Camilleri, se jmorru jaraw il-bus stops u jattendu għal-laqgħa.

**77.12.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil spjegat li se tinfetaħ guesthouse f'Wesgħa Ramon Perellos u qed tassumi li se jintalbu xi parkeġġi għal quddiemha, għalhekk uriet ix-xewqa li ma jintilfux iżjed parkeġġi billi diġà hemm problema kbira ta' parkeġġ ġewwa l-Qajjenza.

**77.12.07** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li avviċinawh xi residenti u kellmuh dwar it-tabelli ta' Wesgħa Ramon Perellos, in-naħa tal-baħar, fejn hemm indikat li l-karozza trid tiġi pparkjata tħares 'il ġewwa. Huwa spjega kif dawn it-tabelli qegħdin hemm għalxejn u ssuġġerixxa li jinqalgħu. Il-kunsilliera kollha preżenta qablu ma' dan is-suġġeriment.

## 77.13 Proġetti u skemi

**77.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-iskema: SPI/SCI/01/2024 li tittratta servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' community garden fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Huwa qal li trid tiġi identifikata soft area żgħira bħall-ġnien biswit il-kappella ta' San Ġorġ. Din l-espressjoni ta' interess se tagħlaq fid-29 ta' Marzu 2024. Se jkun qed jaħdem hu flimkien mal-Kunsilliera Maria Mifsud dwar din l-iskema. Il-kunsilliera preżenti qablu li japplikaw għal din l-iskema.

**77.13.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-iskema: SPI/SCI/02/2024 dwar komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi. Id-data tal-għeluq għal din l-iskema hija d-9 ta' April 2024. L-idea tas-Sindku Scott Camilleri kienet li jikklejmjaw is-sessjonijiet tal-fitness li diġà qegħdin fis-seħħ. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet ukoll li jitkellmu mal-klabb tal-water polo ħalli jibdew jingħataw sessjonijiet ta' għawm lill-persuni b'diżabilità. Is-Sindku Scott Camilleri flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li japplikaw għal din l-iskema u li jingħaqdu s-sessjonijiet tal-fitness flimkien ma' dawk tal-għawm. Għal din l-iskema qed tiġi allokata s-somma ta' €2,000.

**77.13.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-iskema: SPI/SCI/03/2024 dwar inizjattiva finanzjarja – lokalitajiet aktar nodfa. Id-data tal-għeluq għal din l-iskema hija l-31 ta' Mejju 2024. Il-Kunsilliera Maria Mifsud esprimiet ix-xewqa li terġa' tiġi sottomessa l-applikazzjoni sabiex issir World Cleanup Day. Hija xtaqet li dis-sena ssir b'mod differenti, fejn did-darba ssir b'kollaborazzjoni ma' Birżebbuġa Girl Guides. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma' din id-deċiżjoni u żied billi qal li kull għaqda eżistenti ġewwa Birżebbuġa jkollha żona għaliha biex titnaddaf, sabiex b'hekk f'ġurnata jitlesta t-tindif ta' diversi żoni f'daqqa. Kompla billi qal li kull għaqda għandha tkun obbligata tagħmel cleanup f'żona li tiġi maqbula mal-Kunsill. Għal din l-iskema qed tiġi allokata s-somma ta' €1,500. Il-kunsilliera preżenti qablu li japplikaw għal din l-iskema.

**77.13.04** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-iskema: SPI/SCI/04/2024 rigward fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Din l-iskema tagħlaq fit-28 ta' Ġunju 2024. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġeriet li nitolbu għal U-bars għas-sigurtà. Il-Kunsilliera Maria Mifsud uriet ix-xewqa li jsir it-taraġ u l-madum tax-xatt tal-Qajjenza. Għal din l-iskema se tintefa' applikazzjoni għall-Qajjenza, iżda qabel se jsir kuntatt mal-Perit Luke Portelli sabiex isir l-assessjar. Is-somma ta' €30,000 qed tiġi allokata għal din l-iskema. Il-kunsilliera preżenti qablu li japplikaw għal din l-iskema.

**77.13.05** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-iskema: SPI/SCI/05/2024 rigward attivitajiet kulturali annwali u natalizji 2024/2025. Id-data tal-għeluq għal din l-iskema hija s-26 ta' Marzu 2024. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil proponiet li din is-sena l-attività tal-Milied issir f'Bengħajsa sabiex tkun differenti mis-snin ta' qabel. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li jkun aħjar li kieku, minflok, issir ġewwa l-Bajja s-Sabiħa sabiex tkun iktar ċentrali u iktar ta' konvenjent għall-pubbliku. Il-kunsilliera preżenti qablu li japplikaw għal din l-iskema.

### 77.14 Edukazzjoni, saħħa, indafa u ambjent

**77.14.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li rat li kunsilli oħra qed iqassmu l-boroż għall-iskart organiku. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li dawn qed jitqassmu s-sena kollha mill-Kunsill ta' Birżebbuġa.

**77.14.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat jekk fil-lista li se tintbagħat lill-Onor. is-Sur Omar Farrugia nistgħux inżidu punt biex is-siġar ta' Triq Żaren Dalli jitneħħew mill-pots u minflok jitwaħħlu l-konok mal-art għax il-pots qegħdin jinqasmu. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma' din l-idea, iżda żied jgħid li qabel irid jiġi mitlub biex isir assessjar mill-Awtorità tal-Ippjanar għar-raġuni ta' possibilità ta' bini ġdid.

**77.14.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat li l-palm li hemm mad-dawra minn Alfresco sal-Kunsill għandhom bżonn żabra billi dawn kibru ħafna.

**77.14.04** Il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li hemm bżonn jinżabru xi siġar li jinsabu fil-Housing Estate għax qed jostakolaw il-gallariji tan-nies. Hemm 6 siġriet taż-żebbuġ, 2 siġriet taċ-ċawsli, u palma. Hija semmiet li dawn diġà nżabru iżda reġgħu kibru.

**77.14.05** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet il-fondi ambjentali allokati għall-parti ta' Triq il-Girgħien sabiex dawn jintużaw mill-aktar fis. Hija tixtieq tagħmel laqgħa sabiex jiġu gwidati kif jistgħu jintefqu dawn il-fondi.

### 77.15 Attivitajiet, kultura, żgħażagħ u sport

**77.15.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li kienet issuġġeriet quddiesa għal Mejju u ssir attività żgħira bejn il-membri tal-Kunsill billi ftit wara se jkun qed jinħatar Kunsill ġdid.

**77.15.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li qed tippjana attività ġewwa l-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, u wara high tea ġewwa s-Suq tal-Belt għall-ħabta ta' nofs April.

**77.15.03** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li t-trasport tal-Equidrome huwa biss prezz imraħħas għall-gruppi u mhux trasport b'xejn. Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jiċċekkja kemm huwa l-prezz li jrid jitħallas min-nies li se jkunu qed jagħmlu użu minnu.

### 77.16 Affarijiet oħra

**77.16.01** Xejn

## 77.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**77.17.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-19:45 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |